**Ċirkulari 1-2021/22**
**Lill-Klabbs u Assoċjazzjonijiet Membri**

9 ta' Ġunju 2021

**Formoli għall-Istaġun 2021/22**

Għażiż Segretarju,

Bħalma taf, bħalissa jkunu għaddejjin il-laqgħat ġenerali annwali tal-Klabbs u Assoċjazzjonijiet Membri, li jaħtru l-kumitati ġodda għall-istaġun li jmiss. Hekk kif isiru dawn il-laqgħat, l-istess Klabbs u Assoċjazzjonijiet Membri jintalbu jdaħħlu l-formoli li bihom jinfurmaw lill-MFA bid-dettalji dwar il-kumitati ġodda u n-nominazzjonijiet tal-Membri tal-Kunsill u d-Delegati.

Bħalma sar għall-ewwel darba fl-istaġun li għadda, dan il-proċess isir *online* u b'hekk jiġi faċilitat ix-xogħol amministrattiv.

Ma' din iċ-Ċirkulari għandek issib Dokument Gwida li jispjega pass pass kif għandha tiddaħħal l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu reġistrati l-membri tal-kumitati, kemm dawk ġodda kif ukoll dawk li jiġu kkonfermati għal staġun ieħor. L-informazzjoni li se tiddaħħal fil-COMET se tiġbor flimkien f'dokument wieħed dak li qabel kien jiddaħħal f'numru ta' formoli.

Il-Klabbs u Assoċjazzjonijiet Membri għandhom jirreġistraw fil-COMET il-Membri tal-Kumitat għall-Istaġun 2021/22 skont ir-rwoli rispettivi tagħhom, inkluż il-Membru tal-Kunsill u d-Delegati tal-klabb. Ladarba jsir dan, għandha tiġi ġġenerata formola li tiġbor fiha d-dettalji tal-persuni kollha reġistrati. Din għandha tiġi ffirmata mis-Segretarju tal-klabb u tintbagħat bl-email (generalsecretary@mfa.com.mt) jew tiddaħħal kopja fiżikament l-MFA.

Il-formoli dwar 'Due Diligence' fil-każ ta' uffiċjali ġodda fil-kumitati, ukoll iridu jiġu *uploaded* fil-COMET[1]. Dawn huma disponibbli hawn: https://info.mfa.com.mt/forms

Barra minn hekk, il-**Form A (Particulars of a Member Club and Competitions) jew Form B (Particulars of a Member Association)** iridu jimtlew permezz ta' formola online disponibbli hawn:

[1] Active registrations → Documents

VO/1742
Registered with SportMalta (SM/F003)
Member of: Fèdèration Internationale de Football Association (FIFA)
Union des Associations Europèennes de Football (UEFA)

Millennium Stand
Floor 2, National Stadium,
Ta' Qali ATD 4000,
Malta

Tel: (+356) 2338 6000
Fax: (+356) 2338 6900
E-mail: info@mfa.com.mt
Web: www.mfa.com.mt

MAIN SPONSORS BOV Bank of Valletta CISK GIVOVA Jeep

fb.com/mfa1900 maltafa1900 @MaltaFA1900

Form A Particulars of a Member Club and Competitions for Season 2021/22
Form B Particulars of a Member Association 2021/22

Id-dettalji dwar il-membri tal-Kumitat kif ukoll il-Formola rispettiva A/B għandhom jiddaħħlu sat-**18 ta' Ġunju 2021** kif indikat fiċ-Ċirkulari separata dwar il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-MFA.

L-Assoċjazzjonijiet Membri li jorganizzaw kompetizzjonijiet għandhom jipprovdu wkoll l-informazzjoni fil-COMET dwar it-timijiet affiljati magħhom.

IMPORTANTI:

COMET Users, kif awtorizzati mill-Klabb jew Assoċjazzjoni Membru tagħhom għall-istaġun 2020/21, li ma jibqgħux parti mill-Kumitat il-ġdid tal-klabb jew Assoċjazzjoni għall-istaġun li jmiss se jitneħħielhom l-aċċess għall-kont tal-klabb tagħhom.

Klabbs u Assoċjazzjonijiet Membri li jixtiequ jawtorizzaw *users* ġodda għandhom jimlew il-COMET User Agreement, mehmuż ukoll ma' din iċ-Ċirkulari.

F'każ ta' diffikultà, qegħdin hawn biex nassistu. Ibgħat email fuq generalsecretary@mfa.com.mt.

Tislijiet,

Dr Angelo Chetcuti
Segretarju Ġenerali

*Annessi:*
*1 - Process of registering Club Officials*
*2 - Step by Step guide to submit club/MA officials*
*3 - COMET User Agreement*


Millennium Stand
Floor 2, National Stadium,
Ta' Qali ATD 4000,
Malta
Tel: (+356) 2338 6000
Fax: (+356) 2338 6900
E-mail: info@mfa.com.mt
Web: www.mfa.com.mt
MAIN SPONSORS BOV Bank of Valletta CISK GIVOVA Jeep
fb.com/mfa1900 maltafa1900 @MaltaFA1900